**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0379/2017**

27.11.2017

# RAPPORT

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2017 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017: Tnaqqis tal-approprjazzjonijiet ta' pagament u ta' impenn f'konformità mat-tbassir aġġornat tan-nefqa u aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji u multi)
(00000/2017 – C8-0000/2017 – 2017/2217(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur għal opinjoni: Jens Geier

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................ 3

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................. 6

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET ................................................................. 7

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2017 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017: Tnaqqis tal-approprjazzjonijiet ta' pagament u ta' impenn f'konformità mat-tbassir aġġornat tan-nefqa u aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji u multi)**
**(00000/2017 – C8-0000/2017 – 2017/2217(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, adottat b'mod definittiv fl-1 ta' Diċembru 2016[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[3],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[4],

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 6/2017, adottat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Ottubru 2017 (COM(2015)0597),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2017, adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2017 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew dakinhar stess (14275/2017 – C8-0417/2017),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 88 u 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0379/2017),

A. billi l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 6/2017 għandu l-għan li jaġġorna kemm mil-lat ta' nefqa kif ukoll mil-lat ta' dħul tal-baġit biex jitqiesu l-aħħar żviluppi;

B. billi, mil-lat ta' nefqa, l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 6/2017 inaqqas il-livell tal-

[1] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[2] ĠU L 51, 28.2.2017.
[3] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[4] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 7 719,7 miljun, l-aktar fil-linji baġitarji taħt l-intestatura 1b (Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali), u fuq livell inqas minn hekk, taħt l-intestaturi 2 (Tkabbir sostenibbli – riżorsi naturali), 3 (Sigurtà u Ċittadinanza) u 4 (Ewropa Globali) u fil-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE), u b'hekk inaqqas il-kontribuzzjonijiet nazzjonali kif xieraq;

C. billi l-Abbozz ta' Baġit Emenedatorju Nru 6/2017 inaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn b'EUR 15,33 miljun taħt l-intestatura 2 u jirrilaxxa EUR 46 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn tal-FSUE;

D. billi mil-lat ta' dħul, l-Abbozz ta' Baġit Emenedatorju Nru 6/2017 jinkludi wkoll aġġustamenti marbuta mar-reviżjoni tal-previżjonijiet tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (jiġifieri dazji doganali u imposti fuq is-settur taz-zokkor), tal-bażijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u tal-introjtu nazzjonali gross (ING), u tal-ibbaġitjar tal-korrezzjonijiet rilevanti tar-Renju Unit u l-finanzjament tagħhom għall-2013 u l-2016;

E. billi l-Abbozz ta' Baġit Emenedatorju Nru 6/2017 jieħu inkunsiderazzjoni l-ammont totali ta' EUR 3 2019,7 miljun ta' multi li sar definittiv u jeċċedi l-livell ippjanat oriġinarjament għall-baġit 2017, u jassenja d-differenza bejn tal-ewwel u tal-aħħar (li tammonta għal EUR 2 209,7 miljun) għat-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji mill-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni;

F. billi l-Abbozz ta' Baġit Emenedatorju Nru 6/2017 jirriżulta f'rimborż lill-baġits nazzjonali ta' EUR 9 829,6 miljun addizzjonali għar-rifużjoni ta' EUR 6 405 miljun li diġà ġiet ikkonfermata fid-dawl tal-Baġit Emendatorju Nru 2/2017;

1. Jesprimi tħassib serju dwar l-eċċess fil-pagamenti ta' EUR 7 719,7 miljun; huwa partikolarment sorpriż bis-sitwazzjoni fis-subintestatura 1b tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (Fondi ESI), fejn l-Istati Membri, fis-sottomissjonijiet tagħhom ta' Lulju, irrivedew 'il isfel il-previżjonijiet tagħhom għal talbiet għal pagamanet b'EUR 5,9 biljun minħabba dewmien kontinwu fl-implimentazzjoni tal-programmi, li b'hekk qed jimpedixxu ħafna proġetti u benefiċjarji potenzjali minn appoġġ tal-Unjoni; jiddeplora wkoll il-fatt li l-Istati Membri naqsu milli jniedu l-programmi nazzjonali tagħhom għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u għall-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) fuq ir-ritmu mistenni u milli jimplimentaw kif xieraq l-iskemi għar-rilokazzjoni ta' rifuġjati, li jirriżulta fi tnaqqis ta' EUR 287,6 miljun fl-intestatura 3;

2. Jieħu nota tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-kawżi ta' sottoimplimentazzjoni fis-subintestatura 1b, bħalma huma l-iffokar fuq l-assorbiment tal-pakketti 2007-2013, l-adozzjoni tardiva tal-bażijiet ġuridiċi, it-tul fid-deżinjazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali, il-bidliet li ġew introdotti permezz tal-qafas ġuridiku ġdid, u t-tnaqqis ta' inċentivi minħabba r-regola ta' diżimpenn N+3; jinsab imħasseb dwar il-fatt li, skont l-aħħar previżjonijiet tal-pagamenti mill-Kummissjoni, is-sottoimplimentazzjoni se tibqa' fis-snin li ġejjin u se tirriżulta f'ammont addizzjonali ta' EUR 31 biljun ta' pagamenti li se jkollhom riperkussjonijiet fuq il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; jieħu nota tal-fatt li mhux l-Istati Membri kollha għandhom l-istess diffikultajiet fl-implimentazzjoni; iħeġġeġ b'mod partikolari lil dawk l-Istati Membri b'livell għoli ta' sottoimplimentazzjoni biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw b'mod xieraq il-programmi tal-Unjoni, maqbula b'mod konġunt, bl-assistenza tal-Kummissjoni;

3. Jiddispjaċih bid-dewmien fl-iżborż tal-fondi tal-Unjoni għal pajjiżi fil-fażi ta' qabel l-adeżjoni u għal pajjiżi ġirien, li jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti fil-pagamenti (-EUR 702,2 miljun) fi żmien meta dawn ikunu jinħtieġu l-aktar; jirrikonoxxi l-ambjent imprevedibbli li f'xi drabi l-Unjoni hija mitluba biex topera; jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż permezz ta' żieda fid-djalogu politiku u assistenza teknika, sabiex jiġi evitat dewmien bħal dan;

4. Jinnota b'sodisfazzjon, b'kuntrast ma' dan, li l-programmi tal-Unjoni taħt is-subintestatura 1a "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" ġeneralment huma implimentati sew, kif jixhdu dan l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju u l-adozzjoni reċenti tat-Trasferiment Globali fejn is-subintestatura 1a tassorbi parti sinifikanti tas-sottoeżekuzzjoni tal-pagamenti f'intestaturi oħra; jisħaq li dan juri li l-Kunsill kien żbaljat fl-approċċ kostanti tiegħu li jnaqqas l-approprjazzjonijiet ta' din is-subintestatura għal raġunijiet ta' allegat nuqqas ta' kapaċità ta' assorbiment;

5. Jiddeplora għal darb'oħra li l-ammonti rkuprati mis-sottoimplimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni u minn multi taħt il-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni huma ddestinati biex jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tal-ING tal-Istati Membri minflok ma jintużaw għall-finanzjament tal-prijoritajiet tal-Unjoni; jenfasizza li l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 6/2017 jiġġenera rimborż tal-kontribuzzjonijiet ING ta' EUR 9 829,6 miljun lill-Istati Membri minbarra r-rimborż ta' EUR 6 405 miljun li diġà ġie approvat fil-Baġit Emendatorju Nru 2/2017; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja fir-rigward tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni għall-2018, wara l-qari tal-Parlament u fil-bidu tal-perjodu ta' konċiljazzjoni, ammonta biss għal EUR 3 619,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 2 182,4 f'approprjazzjonijiet ta' pagament;

6. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2017;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-Baġit Emendatorju Nru 6/2017 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-parlamenti nazzjonali.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 22.11.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 32<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nedzhmi Ali, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, José Manuel Fernandes, Jens Geier, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Urmas Paet, Răzvan Popa, Paul Rübig, Jordi Solé, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean-Paul Denanot, Andrey Novakov |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jonathan Bullock, Javi López |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET

| 32 | + |
|---|---|
| ALDE | Nedzhmi Ali, Gérard Deprez, Urmas Paet |
| ECR | Richard Ashworth, Zbigniew Kuźmiuk, Bernd Kölmel |
| EFDD | Jonathan Bullock |
| ENF | Marco Zanni |
| PPE | Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Patricija Šulin, Inese Vaidere |
| S&D | Jean-Paul Denanot, Jens Geier, Iris Hoffmann, John Howarth, Javi López, Vladimír Maňka, Răzvan Popa, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Manuel dos Santos |
| VERTS/ALE | Jordi Solé, Indrek Tarand |

| 2 | - |
|---|---|
| GUE | Liadh Ní Riada |
| NI | Eleftherios Synadinos |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni